# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 3/2021

18 ta' Marzu, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier b'mod virtwali |
| Mark Cocker | Kunsillier b'mod virtwali |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

3.0 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji.

3.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.1.1 Is-Sindku qal illi ref punt 2.3.1 (dimentia) il-laqgħat li kienu ser isiru fis-sala tal-Kunsill kienu tħassru.

3.1.2 Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla semmiet is-siġar biex jitħawlu fejn is-suldati fi Triq il-Karwija. Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla ssuġerixxa illi qabel jitħawlu s-siġar, il-Kunsill għandu jaħrat il-ħamrija. Il-Kunsill iddiskuta u qablu illi għandhom jitħawlu pjanti tal-hibiscus b'kuluri differenti.

3.1.3 Is-Sindku s-Sur Johan Mula avża lill-kunsilliera illi l-pompa fi Ġnien ta' Ball issa kienet qegħda taħdem u l-ġardinar seta' jtella' ilma kemm irid.

3.1.4 Is-Sindku qal illi kien iċċekja rigward ref punt 2.3.6 (Sqaq ta' Bieb il-Ġarra) pero' ovvjament x'ser jissemma l-istess sqaq kienet fil-kompetenza tas-Street Naming Committee.

3.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward ref punt 2.4.1 (triq sekondarja fi Triq il-Kuċċard) jekk konniex ħadna xi risposta minn Transport Malta. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien għadu qed jistenna konferma uffiċċjali biss.

3.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 2.7.2 (talba għal reserved parking fi Triq San Ġorġ) kienet ġustifikata.

3.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.2.1 Is-Sindku qal illi kien attenda meeting mas-CEO ta' Infrastructure Malta rigward it-toroq pendenti li kienu għad iridu jsiru. Is-Sindku spjega kif kienu stabbiliti li jsiru x-xogħolijiet u kif l-aħjar nagħmlu minħabba il-pavimentar. Il-Kunsill iddiskuta l-pavimentar u qabel illi dan għandu jkun tajjeb u jiflaħ li jgħaddi t-traffiku minn fuqu.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward il-culverts li jridu jiġu fi Triq l-Iskola. Is-Sindku kkonferma illi dawn ix-xogħolijiet kienu approvati imma sa issa ma konniex avżati meta ser isiru.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ġiet skużata 17.35 u rritornat għal laqgħa 17.37.

3.2.2 Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mal-Indis rigward il-periklu li hemm għas-sewwieqa fi Triq Carmelo Caruana. Huwa spjega li kienu ser isiru crash barriers kif ukoll li kien ser isir testjar tat-tarmak sabiex jaraw minn fejn ġejja l-problema taż-żlieq, kif ukoll li kellhom jinbidlu t-tabelli.

3.2.3 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kellu jagħmel ftehim minħabba li konna ser nagħmlu s-solar panels fil-propjeta' ta' Malta Industrial Parks.

3.2.4 Is-Sindku għamel referenza għal meeting li l-Kunsill kellu mal-Ministru Miriam Dalli. Is-Sindku spjega illi diġa' kien iltaqa' mad-direttur minn Parks Malta rigward il-Picnic Area u Dogs Park fejn ġie kkonfermat li jista' jsir u li ser ikun iffinanzjat minnhom. Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill kellu jibqa' għaddej bil-proċess tar-Rubble Walls u qal li hekk kif ikollu l-pjanti f'idejh kien ser jgħaddihom lill-Kunsilliera.

Is-Sindku qal illi waqt din l-istess laqgħa kienu tkellmu rigward l-*underground parking* fi Ġnien Dun Karm Vella. Huwa spjega illi sabiex isir dan il-proġett kien iħoll u jorbot jekk isirx it-tisbiħ tal-Ġnien.

3.2.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi kien attenda laqgħa oħra flimkien mal-ELC minħabba l-proġett tar-roundabout fi Triq il-Karwija. Is-Sindku qal illi dan il-proġett u l-manutenzjoni tiegħu kienu ser isiru mill-ELC.

3.2.6 Is-Sindku qal illi l-permess tar-restawr tal-Kapella ta' Santa Marija kien ġie approvat u x-xogħolijiet kellhom jbdew lejn l-aħħar ta' April.

3.2.7 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni tal-€15,000 mill-FTZD sabiex jintużaw għar-restawr tal-istatwi u niċeċ. Huwa qal illi konna qed nistennew mingħand l-perit minħabba l-BOQs fejn kien ser jindika x'tip ta' restawr għandu jsir fuqhom u imbagħad wara l-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jagħżel liema niċċa jew niċeċ ser jiġu restawrati bl-istess fondi. Is-Sindku qal illi l-ideal il-Kunsill japplika għal permess sabiex isir ir-restawr tan-niċeċ kollha sabiex meta jkun hemm possibbilita' għal fondi ikollna l-permess f'idejn.

3.2.8 Is-Sindku qal illi mill-€5,000 li l-Kunsill kellu allokati għal Slow Streets kien fadal madwar €1,000 biss x'nieħdu għalhekk ssuġerixxa illi sabiex dawn ma jintilfux il-Kunsill jista' jkellem lill-Perit li ħadem fuq Slow Streets sabiex jagħmlilna d-disinn tal-pjazza għaliex b'dan l-ammont żgur li għandna nfendu l-ispejjeż relatati ma din l-iskema.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi l-ideal il-Kunsill jissuġġerixxi huwa x'għandu jsir fil-pjazza qabel ma jsir dan. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi l-ewwel għandna nitolbu kwotazzjoni sabiex isir dan id-disinn li wara jiġi diskuss f'laqgħa tal-Kunsill.

3.2.9 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva ittra mill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex jinħatar President tal-Kunsill Skolastiku. Is-Sindku nnomina persuna li ġieli ħadmet volontarjament mal-Kunsill u anke fil-passat ħadem fis-settur tal-edukazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel.

3.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kinux ser isiru s-sinjali mal-art fis-service road ta' Triq il-Kuċċard li tindika li ġejja junction.

3.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kellha talba sabiex isir *cat shelter* fi Trejqet Tarsu. Hija provdiet ritratt fejn din il-persuna xtaqet li ssir il-cat shelter. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi din il-persuna għandha tipprovdi konferma illi l-ġirien u minn jidħol fil-flats ma jsibx oġġezzjoni li ssir din il-*cat shelter*.

3.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-bankina fi Triq is-Summien kienet qegħda fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsill qabel li 'l quddiem għandna ssir din il-bankina.

3.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa kienx hemm xi żviluppi rigward l-ittra li kienet intbagħtet minħabba Ġnien t'Amparell.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi f'dan l-istess ġnien l-istess persuni kienu għamlu lenza sabiex ma jidħol ħadd li forsi jista' jkun perikoluż għal min ma jkunx jaf biha.

Is-Sindku kkonferma li kien kellem lil persuna li kienet bagħtet l-ilment kif ukoll lil wieħed miż-żewġ persuni li kienu qed jgħidu li l-Kunsill tagħhom il-permess li jieħdu ħsieb il-ġnien. Is-Sindku qal illi min kien għamel l-ilment sempliċiment ried li jwassal il-punt lill-Kunsill li ġnien pubbliku ma seta' jidħol fih ħadd.

3.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-parkeġġ ta' Trejqet it-Twemmin. Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni tal-Unloading Bay u li l-istess tabella kienu ser iwaħħluha Transport Malta.

3.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ta d-dettalji tas-sotto kumitat li inħatar għall-proġett ta' Slow Streets. Huwa qal il-kunsillier kollha kienu mistiedna jattendu għal-laqgħat tal-istess kumitat.

3.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla daħħal ilment illi kien hemm ħafna ħmieg fi Ġnien Dun Karm Vella. Huwa qal illi l-ħaddiema kienu bdew jaħartu l-ġnien imma wara ftit waqfu.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi t-tindif kif ukoll il-manutenzjoni fil-ġnien iridu jsiru fuq bażi regolari.

3.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk fi Triq San Anton fejn il-Post tan-nar setax il-Kunsill jagħmel *Slow Sign* jew inkella tabella li tindika li l-karozzi għandhom isuqu b'30 km għaliex il-karozzi kienu qed isuqu ħafna fil-liwja.

3.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kellmuh xi nies għaliex kienu qed isiru bħal gradilji fir-raba' minħabba l-ilma. Is-Sindku kkonferma illi dawn il-gradilji kienu qed isiru minn Infrastructure Malta.

3.4 Ħatra Bord Premju Onorifiċenza

Is-Sindku qal illi l-pjan tal-Kunsill li jiċċelebra Jum Ħal Safi nhar il-Ħadd 11 ta' April ma setax isir minħabba l-aħħar miżuri mħabbra. Is-Sindku qal illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-ideal kien li għal issa il-Kunsill ma jappuntax data oħra u nistennew. Is-Sindku kkonferma illi n-nominazzjonijiet għal Premju Onorifiċenza kienu ħarġu u l-bord kien ser jiltaqa' meta jkun possibbli minħabba l-pandemija.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ġiet skuzata mil-laqgħa 18:58 u rritornat 18.59

Is-Sindku ssuġerixxa illi għal issa l-Kunsill għandu jaħtar il-Bord u ssuġerixxa ukoll li jżomm il-bord ta' sentejn ilu li kienu:

- Tarcisio Barbara (Chairperson)
- Paul Callus
- Eddie Bonello
- Charles Fenech
- William Grech

Bis-sostituti ta':

- Giljan Bonello (Bħala Chairperson)
- Pauline Żammit
- Salvu Zammit
- Edwin Abdilla
- Jimmy Busuttil

Il-Kunsill qabel illi għandna nżommu l-istess membri.

Is-Sindku qal illi normalment waqt iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Safi l-Kunsill jagħti ġieħ lil persuna/i li jkunu għamlu xi achievment kbir matul l-aħħar sena. Huwa qal illi kienu avviċinawh għaliex tfajla minn Ħal Safi ħadet sehem f'tournament internazzjonali fil-Matematika '*Supertmatik Mental Math International Competition* 2019/20'. Dan it-tournament huwa organizzat fost studenti bejn 6 u 15-il sena minn madwar id-dinja kollha u t-tfajla minn Hal Safi ġiet ikklassifikata fl-ewwel post minn fost 7630 student fil-kategorija tagħha. Il-Kunsill qabel illi għandna ntuha dan ir-rikonoxximent meta nħabbru l-Premju Onorifiċena.

3.5 Proġett fil-Komunitajiet (LESA)

Is-Sindku qal illi l-LESA kienu ħabbru inizzjattiva sabiex jingħataw fondi lill-Kunsill għal komunita' permezz li jsir proġett. Huwa ssuġġerixxa illi għal din l-inizzjattiva l-Kunsill kellu japplika sabiex inkomplu nagħmlu r-restawr tan-niċeċ. Il-Kunsill qabel.

3.6 Korrispondenza

Is-Sindku qal illi kien tkellem ma kunsilli oħra li iffirmaw MOU mal-Cleansing Dept sabiex isir it-tindif mar-raħal. Is-Sindku spjega illi għal dan il-ftehim il-Kunsill ma kienx ser iħallas xejn. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi għandna niffirmaw dan il-MOU.

Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-korrispondenza.

3.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

3.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fi-7.47pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 15 ta' April, 2021 fil-5:00pm

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv